FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru 1512/99DM

Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Assurance PLC., kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Micallef u l-istess Joseph Micallef f'ismu.

vs

Angelo, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2000 giet awtorizzata l-korrezzjoni fis-sens li l-isem Angelo jinbidel ghal Oliver, Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas s-somma komplessiva ta' Lm533.55 (hames mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) kwantu ghall- Lm433.55 (erba mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura TFC 358 assigurata 'comprehensive' hlief ghall-Lm100 (mitt lira Maltin) 'excess' u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Joseph Micallef u dan kollu b'rizultat ta' habta li grat fit-22 ta' Jannar 1999 gon-Naxxar meta waqt li Angelo Camilleri kien qed isuq il-vettura EAF857 habat mal-vettura TFC 358 misjuqa minn James Haber u ghal liema incident Angelo Camilleri kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 1999, u bl-imghax tat-8% fuq Lm533.55 mill-lum sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Micallef Insurance Agency Ltd., assiguraturi tal-konvenut.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli James Haber- xufier tal-attur - stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-verbal tal-4 ta' Mejju 2000 fejn il-konvenut kif assistit iddikjara li mhux qed jikkontesta l-'quantum' tad-danni izda biss ir-responsabilita'.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Evidentement kull riferenza fl-avviz ghal Angelo Camilleri trid titqies bhala riferenza ghal Oliver Camilleri stante l-korrezzjoni mitluba u awtorizzata wara s-smigh tax-xhiedha.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vettura tal-attur, Van numru TFC358 kien qed jinsaq minn James Haber fit-Triq principali, waqt li l-konvenut kien hiereg ghall-gewwa l-istess triq principali minn triq laterali li tifforma T-Junction ma u tisbokka fl-istess triq principali.

Infatti l-istess konvenut, fid-deposizzjoni tieghu, jammetti illi qabel ma tisbokka fit-triq principali, Triq Corfu ghandha 'stop sign' fit-tarf taghha indikattiva li kull sewwieq li ried johrog go Triq it-Tuffiegh kellhu jghati d-dritta lill-'main road user' u jipprocedi biss ghal go t-triq principali, meta waqt li jkun wieqaf ikun accerta ruhhu li ma kien ser jostakola lill-ebda sewwieq iehor fil-main road, irrispettivament minn liema naha ikun provenjenti..

Izda l-konvenut, ghalkemm jistqarr li fil-fatt waqaf ma' l-istop sign, jiddikjara li minhabba l-vizwali ostakolata minn vettura ipparkeggjata fuq il-lemin tieghu, ***minflok uza iktar prudenza u kawtela billi ma setax jara sew,*** hareg xorta wahda u bil-vettura kollha fit-triq principali (v. skizz a fol. 15) u habat mal-vettura tal-attur li kienet qed tinsaq fit-triq principali dak il-hin.

Din il-manuvra tal-konvenut kien wahda bla kont u tirrendih risponsabbli ghall-kollizzjoni.

Izda ghandhu jigi ukoll determinat jekk is-sewwieq tal-vettura tal-attur ikkontribwiex ghall-istess kollizzjoni. Mill-provi ma tirrizulta ebda velocita' eccesiva da parti tieghu izda jirrizulta biss indizju li kien xi ftit spostat ghal nofs it-triq, jekk mhux ukoll oltre n-nofs, minhabba xi vettura li setghet tkun ipparkeggjata fuq ix-xellug tieghu. Dan pero', meta ma jirrizultax li Triq it-Tuffiegh hija maqsuma f'karreggjati separati, ma jikkostitwixxi ebda sewqan irregolari u fil-waqt li taghmel taghha l-konkluzzjonijiet raggiunti fis-sentenza taghha tat-2 ta Gunju 2000 fil-kawza fl-ismijiet "Carmel u Mary konjugi Vassallo –v- Francis Ciantar" tiddikjara lil James Haber ezenti minn kull risponsabilita'.

Anzi l-presenza ta vettura ipparkeggjata fuq ix-xellug ta Haber kif jallega il-konvenut, liema vettura kien zgur fil-vizwali tal-istess konvenut, kellha tkun indikattiva bizzejjed tal-probabilita' ta traffiku miexi kif kien qed isuq Haber; ghalhekk din il-vettura tkompli tenfasizza n-negligenza tal-konvenut.

Ghalhekk issib lill-konvenut Oliver Camilleri unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo' u konsegwentement irid jghamel tajjeb ghad-danni inkontestati li kkawza.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istess atturi s-somma komplessiva ta' Lm533.55 (hames mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) in kwantu ghall- Lm433.55 (erba mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) lill-attur Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Assurance PLC u in kwantu ghall-Lm100 (mitt lira Maltin) 'excess' lill-attur Joseph Micallef; bl-imghax legali mid-19 ta Ottubru 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

.....................................
Mag. Dr. D. Montebello B. A LLD

S. Farrugia
Dep/ Reg
civil 4

-